MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2015

Numru. 1259/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nicholas Vella)**

**vs**

**Sean Galea**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet datati 18 ta' Diċembru, 2014 fil-konfront ta' Sean Galea detentur tal-karta tal-identita' numru 165784M fejn l-imputat ġie mixli talli : -

1. Fl-10 ta' Novembru 2014 għall-ħabta tad-21:00 f'dawn il-Gżejjer fil-Mosta mingħajr ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Victor Bonavia f'perikolu ċar, ħebb għall-istess Victor Bonavia u kkaġunalu offiżi ta' natura gravi skont kif iċċertifikat minn Dr. Tracy Vidal miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta;
2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament għarraq, ħassar jew kisser ħwejjeġ ta' ħaddieħor mobbli jew immobbli ċjoe ħsara fuq il-vettura tal-għamla Mercedes 190 bin-numru tar-reġistrazzjoni BBD 475 u nuċċali tal-vista li jiswew aktar minn €250 u anqas minn €2500 għad-detriment ta' Victor Bonavia jew persuni oħra;

Rat li matul is-seduta tal-15 ta' Jannar 2015 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament tiegħu u matul il-kors tal-eżami tal-imputat skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputat wieġeb li ma kellux oġġezzjoni li l-każ jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 14 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-Avukat Jonathan De Maria tenna li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Rat id-dokumenti prodotti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat u l-provi imresqin mill-Prosekuzzjoni matul is-seduta ta' llum;

Rat li deher ukoll il-parte civile li ddikjara li huwa jinsab imputat b'imputazzjonijiet imnissla minn fatti relatati ma' dan il-każ, liema imputazzjonijiet huma l-meritu ta' kawża li tinsab appuntata fuq il-lista tal-lum.

Minħabba f'dan il-parte civile talab lil Qorti biex teżentah milli jkun obbligat iwieġeb għal mistoqsijiet li t-tweġiba għalihom tkun tista

tinkriminah u dan aktar u aktar f'dan il-każ, tenut kont in-natura u l-livell t'involviment tiegħu fil-fatti li taw lok għall-istess każ.

Il-Qorti, fid-dawl ta' din it-talba, u wara li semgħet sommarjament lill-partijiet, tqis li huwa fl-aqwa interess tal-Ġustizzja li tilqa' l-istess talba.

Minbarra dan il-Qorti rat li l-parte civile irrinunzja għall-kwerela li huwa ġja għamel u għall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat safejn tali azzjoni kienet rinunzjabbli stante li ħafer lill-imputat.

L-imputat aċċetta tali rinunzja.

***<u>Deċide :</u>***

Għaldaqstant il-Qorti, wara li inter alia rat l-Artikolu 39(10) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikoli 545(1) u 636(b) tal-Kodiċi Kriminali, minħabba li l-imputazzjonijiet ma ġewx soddisfacentement ippruvati sal-grad rikjest mill-Ligi sabiex tinstab ħtija, qiegħda ssib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tilliberah minn kull ħtija u piena.

***Mogħtija illum il-15 ta' Jannar 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------